

Konsultazzjoni dwar ir-restrizzjoni proposta rigward iċ- ċomb u l-komposti tiegħu f'munizzjon għall-isparar fuq barra u fit-tagħmir tas-sajd¹

SOMMARJU

Ir-restrizzjoni proposta għandha l-għan li *"tindirizza r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent li jirriżultaw mill-użu taċ-ċomb fil-munizzjon, jiġifieri pretkuni sparati f'terren għajr fl-artijiet mistagħdra, balal u pretkuni sparati kemm fl-artijiet mistagħdra kif ukoll f'terren għajr l-artijiet mistagħdra, kif ukoll taċ-ċomb fit-tagħmir tas-sajd"* skont it-talba tal-Kummissjoni Ewropea². Il-proposta ta' restrizzjoni tirreferi esklussivament għal użi ċivili fuq barra u tikkumplementa r-restrizzjoni eżistenti dwar l-użu ta' pretkuni taċ-ċomb fl-artijiet mistagħdra.

L-inġestjoni ta' oġġetti taċ-ċomb mill-għasafar (inklużi proġetti taċ-ċomb, piżijiet tas-sajd u lixkiet) tirriżulta f'firxa ta' effetti tossikoloġiċi akuti u kroniċi inkluż il-mewt. L-effetti jiddependu mill-kwantità ta' ċomb li jinbela' u l-piż tal-ġisem tal-animall. Bosta studji rrappurtaw inċidenzi tal-inġestjoni ta' proġetti taċ-ċomb u ta' tagħmir tas-sajd. Skont ir-rapport ta' restrizzjoni, mill-inqas 135 miljun għasfur huma f'riskju ta' avvelenament primarju minn pretkuni taċ-ċomb, 14-il miljun għasfur huma f'riskju ta' avvelenament sekondarju li jirriżulta mill-inġestjoni ta' pretkuni taċ-ċomb jew proġetti oħra taċ-ċomb, u seba' miljun għasfur huma f'riskju minħabba l-inġestjoni (avvelenament primarju) tal-piżijiet tas-sajd u lixkiet.

Iċ-ċomb mhux biss huwa perikoluż għall-ambjent, iżda huwa wkoll tossiku għall-bnedmin ta' kull età u jaffettwa diversi organi. L-effetti negattivi taċ-ċomb fuq is-saħħa huma dokumentati sew. Il-firxa ta' effetti avversi rrappurtati tinkludi effetti fuq l-iżvilupp newroloġiku, mard kardjovaskulari, indeboliment tal-funzjoni renali (inkluż mard kroniku tal-kliwi — CKD), ipertensjoni, nuqqas ta' fertilità, u riżultati żżiena fit-tqala. Madankollu, l-akbar tħassib għas-saħħa pubblika huwa t-tossiċità taċ-ċomb fl-iżvilupp newroloġiku fit-tfal li għandhom seba' snin u iżgħar. Huwa stmat li fi kwalunkwe sena madwar miljun tifel u tifla huma vulnerabbli għall-esponiment għaċ-ċomb li jirriżulta mill-użu taċ-ċomb fil-munizzjon għall-isparar fuq barra u fit-tagħmir tas-sajd.

Ir-restrizzjoni tipproponi l-projbizzjoni tal-użu taċ-ċomb fejn jeżistu alternattivi teknikament u ekonomikament fattibbli. Dan jinkludi l-bejgħ u l-użu ta' pretkuni taċ-ċomb għall-kaċċa u l-isparar sportiv. Għal użi oħra, fejn l-alternattivi juru prestazzjoni aktar baxxa, bħal fil-każ ta' balal u pretkuni tal-ixkubetta tal-arja fl-isparar sportiv fuq barra, il-proposta għandha l-għan li tirrestrinġi l-użu għal dawg il-kampijiet tal-isparar sportiv fejn hemm miżuri stabbiliti biex jinġabar b'mod effettiv il-munizzjon taċ-ċomb użat qabel ma dan ikun jista' jirriżulta f'riskji.

¹ In-nota ta' informazzjoni tħejjiet abbażi tar-rapport ta' restrizzjoni mħejji mill-ECHA.

² Il-Kummissjoni Ewropea

(2019): https://www.echa.europa.eu/documents/10162/13641/rest_lead_ammunition_COM_request_en.pdf/f607c957-807a-3b7c-07ae-01151001d939

KONSULTAZZJONI DWAR RAPPORT TA' RESTRIZZJONI

Il-konsultazzjoni dwar din ir-restrizzjoni proposta se tibda fl-24 ta' Marzu 2021 u tintemm fl-24 ta' Settembru 2021. Il-Kumitati tal-ECHA jilqgħu kummenti bikrija **sal-5 ta' Mejju 2021** biex jgħinuhom fl-ewwel diskussjoni tal-proposta f'Ġunju 2021.

Il-partijiet interessati jistgħu jikkumentaw dwar ir-rapport ta' restrizzjoni permezz tal-formola tal-web rilevanti fuq is-sit web tal-ECHA. Meta tissottometti informazzjoni, jekk jogħġbok żomm f'moħħok:

- Huwa meħtieġ li tiġi pprovduta **evidenza ta' sostenn** biex tiġġustifika l-informazzjoni sottomessa fil-konsultazzjoni, inkella jista' jkun li l-Kumitati tal-ECHA ma jkunux jistgħu jevalwaw b'mod indipendenti l-informazzjoni sottomessa.
- L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata kmieni kemm jista' jkun fil-proċess (ara l-pjan tal-plenarja hawn taħt).
- L-informazzjoni li tasal wara d-data tal-għeluq jew permezz ta' kanali oħra minbarra l-formola tal-web **ma tiġix** ikkunsidrata mill-Kumitati tal-ECHA.
- Hija r-responsabbiltà tiegħek li tneħħi informazzjoni kunfidenzjali mill-kummenti u d-dokumenti mehmuża sottomessi bi status mhux kunfidenzjali. Jekk ikollok bżonn aktar żmien biex tiġbor informazzjoni dwar ċerti aspetti filwaqt li informazzjoni oħra tkun disponibbli faċilment, nagħtuk parir li tippreżenta sottomissjonijiet separati sabiex l-informazzjoni tkun tista' tintuża bl-aħjar mod matul il-proċess tal-iżvilupp tal-opinjoni.

Aktar informazzjoni tinsab fil-gwida tal-konsultazzjoni disponibbli fuq: https://echa.europa.eu/documents/10162/13641/restriction_consultation_guidance_en.pdf

Dawk li jwieġbu huma mħeġġa wkoll iqisu meta ċerti aspetti tal-proposta huma ppjanati li jiġu diskussi fil-laqgħat plenarji tal-Kumitati (ara t-tabella hawn taħt) u jqisu l-ħin tas-sottomissjonijiet tagħhom kif xieraq (sottomissjonijiet multipli huma possibbli matul il-konsultazzjoni).

KONSULTAZZJONI DWAR RAPPORT TA' RESTRIZZJONI

	Kumitat	
Laqgħa plenarja tal-Kumitat (ħin)	Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji (RAC)	Kumitat għall-Analiżi SoċjoEconomika (SEAC)
1 (Xahrejn u nofs wara li tibda l-konsultazzjoni)	Verifika dwar il-kamp ta' applikazzjoni propost. Konklużjoni dwar il-periklu u organizzazzjoni ta' diskussjoni preliminari dwar l-esponiment/ir-riskju.	Verifika dwar il-kamp ta' applikazzjoni propost. Konklużjoni dwar l-ispejjeż tar-restrizzjoni proposta u organizzazzjoni diskussjonijiet preliminari dwar il-benefiċċji tagħha.
2 (Ftames xhur u nofs wara li tibda l-konsultazzjoni)	Konklużjoni dwar l-esponiment/ir-riskju u organizzazzjoni dwar diskussjoni preliminari dwar id-derogi.	Konklużjoni dwar il-benefiċċji u organizzazzjoni ta' diskussjonijiet preliminari dwar il-proporzjonalità u d-derogi.
3 (Tmien xhur u nofs wara li tibda l-konsultazzjoni)	Finalizzazzjoni tad-derogi. Finalizzazzjoni tal-opinjoni flimkien ma' test ta' ġustifikazzjoni u adozzjoni tal-opinjoni finali.	Konklużjoni dwar il-proporzjonalità u d-derogi. Finalizzazzjoni tal-opinjoni flimkien ma' test ta' ġustifikazzjoni u qbil dwar l-abbozz ta' opinjoni.
4	Mhix rilevanti.	Konklużjoni dwar kwistjonijiet imqajma matul il-konsultazzjoni tal-abbozz ta' opinjoni tal-SEAC. Adozzjoni tal-opinjoni finali.

L-informazzjoni dwar il-perikli tas-sustanza/sustanzi u l-ispejjeż tal-proposta jkollhom l-akbar impatt jekk jiġu ppreżentati sat-tieni xahar u l-esponiment/ir-riskju, il-benefiċċji u d-derogi sar-raba' xahar tal-konsultazzjoni. Din is-sottomissjoni bikrija tippermetti wkoll li l-informazzjoni tiġi kkunsidrata fiż-żmien xieraq. Dan iż-żmien iqis li l-partijiet ikkonċernati jkollhom aċċess għad-dossier ħafna aktar kmieni milli fil-passat, peress li dan jiġi ppubblikat minn qabel madwar ġimagħtejn wara s-sottomissjoni jew aktar minn sitt ġimgħat qabel il-bidu tal-konsultazzjoni.

Huwa possibbli li tissottometti aktar minn tveġiba waħda ta' konsultazzjoni matul il-perjodu ta' sitt xhur. Jekk jogħġbok ikkunsidra dan meta tiddeċiedi meta tissottometti l-informazzjoni.

L-opinjoni finali taż-żewġ Kumitati tal-ECHA huma skedati li jkunu disponibbli sa Marzu 2022. L-ECHA se tibgħat dawn l-opinjoni lill-Kummissjoni Ewropea, li se tieħu d-deċiżjoni jekk tinkludix ir-restrizzjoni proposta fl-Anness XVII għar-Regolament REACH.

RESTRIZZJONI PROPOSTA

Kamp ta' applikazzjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta ta' restrizzjoni huwa dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu taċ-ċomb fi projettili użati fl-armi tan-nar u l-ixkubetti tal-arja għal attivitajiet ċivili fuq barr. Għalhekk, l-użu taċ-ċomb f'komponenti oħra tal-munizzjon bħal fulminanti, propellanti jew skrataċ huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rapport ta' restrizzjoni u l-proposta ta' restrizzjoni.

Barra minn hekk, l-użu militari ta' projettili taċ-ċomb, flimkien ma' użi mhux ċivili simili ieħor ta' projettili taċ-ċomb bħal mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tad-dwana, huma wkoll barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta ta' restrizzjoni. Madankollu għandu jiġi nnutat li l-użu taċ-ċomb f'munizzjon tat-tip *full metal jacket* (tip ta' balla użata mis-servizzi militari, tal-pulizija u tas-sigurtà), li xi drabi tista' tintuża għall-kaċċa, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta ta' restrizzjoni f'każ ta' użu ċivili.

Il-proposta ta' restrizzjoni tinkludi wkoll it-tqegħid fis-suq u l-użu taċ-ċomb fis-sajd kemm għas-sajd rikreattiv kif ukoll għal dak kummerċjali irrispettivament minn jekk dawn isirux f'ambjenti tal-ilma ħelu (jiġifieri fix-xmajjar, fil-lagi u fl-għadajjar), fl-estwarji jew f'ambjenti marini. Barra minn hekk, peress li l-piżijiet tas-sajd jistgħu jinxtrow minn bejjiegħ bl-imnut jew jiġu manifatturati direttament mill-konsumaturi (magħruf ukoll bħala "ikkastjar fid-dar"), l-użu ta' tagħmir tas-sajd kemm mixtri kif ukoll dak ikkastjat fid-dar li fih iċ-ċomb huwa fil-kamp ta' applikazzjoni tar-restrizzjoni proposta.

Il-lista ta' użi vvalutati fil-proposta ta' restrizzjoni huma spjegati fit-tabella ta' hawn taħt.

Settur tal-użu	Użu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni tar-restrizzjoni
Kaċċa	Kaċċa b'munizzjon tal-isparar Kaċċa bil-balal — kalibru żgħir ^[1] Kaċċa bil-balal - kalibru kbir
Sparar sportiv	Sparar sportiv fuq barra b'munizzjon tal-isparar Sparar sportiv fuq barra bil-balal Sparar ieħor fuq barra bl-użu ta' azzarin/arma tan-nar/pistola
Sparar b'armi storiċi	Attivitajiet oħra ta' sparar fuq barra inklużi armi tan-nar b'ikkargar mill-muzzle, rappreżentazzjonijiet storiċi
Sajd	Ċomb fil-piżijiet u lixkiet tas-sajd Iċ-ċomb fix-xbieki tas-sajd, fil-ħbula u fix-xlief (fejn iċ-ċomb ikun inkorporat/magħluq fix-xbieki tas-sajd, fil-ħbula u fix-xlief)

Settur tal-użu	Użu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni tar-restrizzjoni
Użi barra l-ambitu ^[2]	Sparar fuq ġewwa ^[3] , il-pulizija, l-infurzar tal-liġi, l-applikazzjonijiet militari, il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika, it-tbaħħir kummerċjali jew konvojs ta' valur għoli, il-protezzjoni ta' miri faċli u tal-ispazju pubbliku, skopijiet ta' sigurtà, l-ittestjar tekniku u/jew ir-reżistenza, l-ittestjar u l-iżvilupp ta' materjali u prodotti għall-protezzjoni ballistika, ir-riċerka jew l-investigazzjoni forensika, medika, storika u teknika oħra.

Noti: [1] dan l-użu jinkludi l-kaċċa bl-ixkubetta tal-arja; [2] użi barra mill-ambitu skont it-talba tal-Kummissjoni u kjarifiki sussegwenti; [3] għandu jinftehem bħala ġewwa bini.

Raġunijiet għall-azzjoni

Ir-rotot prinċipali li bihom l-annimali huma esposti għaċ-ċomb minn munizzjon jew tagħmir tas-sajd huma:

- inġestjoni primarja (avveniment primarju) definit għall-fini tar-restrizzjoni bħala l-inġestjoni ta' kwalunkwe oġġett taċ-ċomb direttament mill-ambjent permezz ta' attività normali ta' għalf jew ta' foraġġ (eż. żbaljat li hu żrar),
- inġestjoni sekondarja (avveniment sekondarju) definit għall-fini tar-restrizzjoni bħala l-inġestjoni indiretta ta' kwalunkwe oġġett taċ-ċomb permezz tal-konsum tal-ikel (eż. frammenti inkorporati fil-priża jew il-karren).

Ir-rotta primarja tal-inġestjoni hija rilevanti għall-ispeċijiet tal-għasafar li jiddependu mill-inġestjoni taż-żrar jew tal-ġebel biex jitħnu l-ikel tagħhom. Pereżempju, il-pretkuni taċ-ċomb u l-piżijiet tat-tir maqsum³ jistgħu jidhru simili għaż-żrar jew oġġetti tal-ikel bħaż-żrieragħ, kif muri fil-figura ta' hawn taħt. Wara l-inġestjoni diretta, l-għasafar predatorji jew li jieklu l-karonja (kif ukoll annimali selvaġġi oħra) huma f'riskju ta' avveniment sekondarju permezz tal-ikel ta' annimali kkontaminati (eż. annimal mejjet jew ħuta) li għandhom pretkuni taċ-ċomb, balla, jew apparat tas-sajd integrat fit-tessuti jew fil-passaġġ diġestiv tagħhom (jew fejn oġġetti taċ-ċomb inkorporati jew inġestiti jirriżultaw f'konċentrazzjonijiet elevati ta' tessuti permezz ta' taħlil). Mhuwiex biss oġġett taċ-ċomb żgħir li jista' jinbela'. Diversi oġġetti taċ-ċomb inklużi balal u proġettilli oħra, iżda wkoll piżijiet u lixkiet sa 50 g (u saħansitra aktar għal xi tipi ta' għasafar), instabu fil-qnieżaħ, jew fil-passaġġi diġestivi tal-għasafar.

³ Piżijiet b'tir maqsum huma piżijiet tonni b'xaqq żgħir minn ġo parti minnhom. Piżijiet b'tir maqsum ivarjaw minn 0.01 g sa 4.8 g fil-piż. L-iżgħar tiri maqsuma (≤ 0.06 g) spiss jissejħu "tiri maqsuma tat-trab".



Għaliex iċ-ċomb jista' jiġi mfixkel bħala ikel mill-għasafar

Didaskalija tal-figura: Dawn ir-ritratti huma identiċi ħlief li t-tmien piżijiet taċ-ċomb b'tir maqsum huma mmarkati b'ċirku fit-tieni ritratt. Dawn huma kważi indistingwibbli miż-żrar tal-madwar. Ritratt b'korteżija tad-Dipartiment tal-Konservazzjoni Ambjentali tal-Istat ta' New York (Schroeder, 2010)

Pretkuni taċ-ċomb, u proġettli oħra taċ-ċomb (eż. balal), li jibqgħu fl-ambjent wara l-użu huma disponibbli biex jinbelgħu. It-tagħmir tas-sajd taċ-ċomb spiss jintilef ukoll waqt l-użu u jaffettwa lill-għasafar bl-istess mod bħal pretkuni taċ-ċomb u proġettli jekk jinbelgħu. Barra minn hekk, xi prattiki tas-sajd kontemporanji, u xi fornituri tat-tagħmir tas-sajd, jinkoraġġixxu r-rilaxx intenzjonat ta' piżijiet taċ-ċomb fl-ambjent akkwatiku f'xi ċirkostanzi (imsejħa "twaqqigħ taċ-ċomb").

L-użu tal-munizzjon taċ-ċomb u tat-tagħmir tas-sajd għadu mifrux fl-Ewropa minkejja l-proprjetajiet ta' periklu dokumentati sew u l-effetti negattivi tiegħu kemm fuq l-annimali selvaġġi kif ukoll fuq is-saħħa tal-bniedem. Madwar 97 000 tunnellata ta' ċomb jinxterdu kull sena fl-ambjent: 79 % mill-isparar sportiv, 14 % mill-kaċċa u l-kumplament mill-attivitajiet tas-sajd. Jekk wieħed jassumi rilaxxi attwali, u jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni regolatorja ulterjuri, madwar żewġ miljun tunnellata ta' ċomb jiġu rilaxxati fl-ambjent matul l-20 snin li ġejjin.

Huwa stmat li, fl-UE, mill-inqas 135 miljun għasfur huma f'riskju ta' avvelenament primarju mill-pretkuni taċ-ċomb, 14-il miljun huma f'riskju minħabba avvelenament sekondarju li jirriżulta mill-iġestjoni ta' pretkuni taċ-ċomb jew proġettli oħra taċ-ċomb, u seba' miljun għasfur huma f'riskju minħabba l-iġestjoni (avvelenament primarju) tal-piżijiet u l-lixkiet tas-sajd.

Iċ-ċomb mhux biss huwa perikoluż għall-ambjent, iżda huwa wkoll tossiku għall-bnedmin ta' kull età u jaffettwa diversi organi. Iċ-ċomb jista' jakkumula fil-ġisem, primarjament fl-iskelettru, u mbagħad jiġi rilaxxat gradwalment lura fil-fluss tad-dem, anki jekk l-esponiment għaċ-ċomb ikun diġà waqaf. Dan l-effett ta' legat jista' jidm minn xhur sa snin wara l-esponiment.

L-esponiment tal-bniedem għaċ-ċomb iseħħ permezz ta' żewġ rotot ewlenin: bin-nifs u bl-iġestjoni. L-esponiment inalatorju jista' jseħħ waqt (i) l-isparar ta' pretkuni u proġettli, u (ii) it-tidwib taċ-ċomb għall-ikkastjar fid-dar ta' pretkuni, proġettli u tagħmir tas-sajd (permezz ta' dħaħen taċ-ċomb u trab). L-iġestjoni taċ-ċomb (bħala oġġetti żgħar jew trab) tista' sseħħ permezz ta' (i) l-iġestjoni diretta, bil-ħalq jew bil-magħad, jew (ii)

permezz tal-esponiment mill-idejn għall-ħalq meta jiġu mmanipulati l-pretkuni taċ-ċomb, il-projettili jew il-piżijiet tas-sajd u l-lixkiet.

L-inġestjoni taċ-ċomb mill-bniedem tista' ssejtni ukoll permezz tal-konsum ta' laħam tal-kaċċa kkaċċjat bi pretkuni taċ-ċomb jew projettili, peress li l-aħjar prattiki eżistenti biex jiġi ttrattat il-laħam tal-kaċċa kkaċċjat ma jeliminawx iċ-ċomb fil-laħam tal-kaċċa⁴.

Flief għall-konsum tal-laħam tal-kaċċa, l-informazzjoni disponibbli mhijiex biżżejjed biex tikkwantifika sew ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem mill-użi vvalutati. Fin-nuqqas ta' *data* adegwata, ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem assoċjati mal-użu ta' pretkuni taċ-ċomb, projettili u tagħmir tas-sajd ġew deskritti u vvalutati fir-rapport ta' restrizzjoni b'mod semi-kwantitattiv. Il-valutazzjoni tar-riskju hija sottolinjata minn diversi studji li jirrapportaw il-potenzjal u l-inċidenza attwali tal-esponiment għaċ-ċomb, kif ukoll livelli għoljin ta' ċomb fid-demm osservati wara l-isparar, l-inġestjoni ta' tagħmir tas-sajd biċ-ċomb, jew attivitajiet ta' kkastjar fid-dar. Fejn l-istudji Ewropej ma kinux disponibbli, tqieset id-*data* ġġenerata barra mill-Ewropa.

Il-valutazzjoni mwettqa ma tidentifika l-ebda riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent assoċjati mal-użu taċ-ċomb fix-xbieki tas-sajd, fil-ħbula u fix-xlif fejn iċ-ċomb ikun inkorporat/magħluq. Għalhekk, mhi proposta l-ebda restrizzjoni għal dan l-użu speċifiku.

Madankollu, għall-użi l-oħra kollha vvalutati, ir-rapport ta' restrizzjoni jikkonkludi li l-użu taċ-ċomb fi pretkuni, balal, projettili, lixkiet tas-sajd u piżijiet joħloq riskju għall-ħajja selvaġġa, għall-bhejjem, għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem li **mhuwiex ikkontrollat b'mod adegwat**, u jeħtieġ li jiġi indirizzat fil-livell tal-UE.

Xi Stati Membri, jew reġjuni, ippromulgaw miżuri nazzjonali legalment vinkolanti li jipprojbixxu l-użu taċ-ċomb fil-kaċċa, l-isparar fuq barra jew is-sajd biex jitnaqqsu l-emissjonijiet taċ-ċomb u l-esponiment għalih. Minkejja dawn l-isforzi, huma biss il-miżuri fl-Unjoni kollha li se jrażżnu b'mod effettiv l-emissjonijiet taċ-ċomb, u l-esponiment u jindirizzaw ir-riskji identifikati.

Konsegwenzi tal-azzjoni

Il-proposta ta' restrizzjoni tinkludi tliet tipi ewlenin ta' miżuri:

1. Projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq flimkien ma' projbizzjoni fuq l-użu ta' munizzjon taċ-ċomb jew tagħmir tas-sajd fejn l-użu tagħhom inevitabbilment jirriżulta f'rilaxxi fl-ambjent, irrispettivament mill-kundizzjonijiet tal-użu, u fejn alternattivi xierqa huma disponibbli (jiġifieri teknikament u ekonomikament fattibbli u li jirriżultaw fi tnaqqis ġenerali tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent). Għal xi wħud minn dawn l-użi, qed jiġi propost perjodu ta' tranżizzjoni li jippermetti biżżejjed żmien għall-partijiet ikkonċernati biex jadattaw għar-restrizzjoni. Dan jinkludi

⁴ Ir-regolamenti attwali tal-UE dwar l-ikel ma jstabilixxux livell massimu permissibbli ta' ċomb fil-kaċċa selvaġġa maħsuba għall-konsum. Madankollu, jekk jiġi stabbilit tali livell, dan ma jkunx kompletament protettiv peress li ma jaffettwax l-esponiment taċ-ċomb permezz tal-laħam tal-kaċċa li jiġi kkunsmat barra mis-suq (jiġifieri l-użu proprju, l-użu mill-ħbieb jew mill-familja). Din il-miżura lanqas mhija kompletament protettiva għall-ħajja selvaġġa peress li t-traċċi li jifdal wara l-kaċċa xorta jista' jkun fihom iċ-ċomb u tikkontribwixxi għall-esponiment għaċ-ċomb għal-tjur tal-priża u animali li jieklu l-karonja.

projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' pretkuni taċ-ċomb għal kwalunkwe skop.

2. Fejn projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq taffettwa b'mod sproporzjonat l-użi barra mill-ambitu tar-restrizzjoni proposta, qed tiġi proposta projbizzjoni fuq l-użu biss.
3. Obbligu għall-bejjiegħa bl-imnut li jinfurmaw lill-konsumaturi fil-punt tal-bejgħ dwar l-iskedi ta' żmien għall-eliminazzjoni gradwali tal-użi taċ-ċomb fil-munizzjon u t-tagħmir tas-sajd kif ukoll informazzjoni dwar il-preżenza, it-tossiċità u r-riskju taċ-ċomb għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Il-bejjiegħa bl-imnut se jkun obbligati wkoll li jinfurmaw lill-klijenti dwar alternattivi għal oġġetti li fihom iċ-ċomb (tagħmir tas-sajd, pretkuni, projettili). Dan ir-rekwiżit huwa mibni fuq studji riċenti li jenfasizzaw l-importanza tas-sensibilizzazzjoni tal-kaċċaturi u s-sajjieda għat-tidil fl-imġiba tax-xiri.

Barra minn hekk, fejn projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq jew fuq l-użu tkun sproporzjonata, jew fejn ir-rilaxx fl-ambjent jista' jiġi minimizzat bl-użu ta' miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskju, qed jiġu proposti derogi. Dawn id-derogi jinkludu obbligi ta' konformità ma' kundizzjonijiet operattivi stretti fil-punt tal-bejgħ jew fil-punt tal-użu.

L-akbar volum ta' balal imqiegħed fis-suq huwa għall-isparar sportiv, fejn Min Ikun Qed Jibgħat id-Dossier ikkonkluda li r-riskji jistgħu jiġu ġestiti permezz tal-użu ta' miżuri adegwati (jiġifieri l-isparar f'kampijiet tal-isparar tal-isports partikolari b'miżuri xierqa ta' konteniment stabbiliti). Għalhekk, projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta' projettili għajr pretkuni ma tiġix proposta jekk ir-riskju jiġi kkontrollat fil-punt tal-użu.

Għalkemm mhux l-għażla ppreferuta biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati, il-proposta ta' restrizzjoni tinkludi dettalji ta' deroga fakultattiva għall-użu kontinwu ta' pretkuni taċ-ċomb għall-isparar sportiv f'każ li daww li jfasslu l-politika ma jkunux jixtiequ jimponu projbizzjoni fuq il-pretkuni taċ-ċomb għall-isparar sportiv. Din id-deroga tistabbilixxi standards minimi għal miżuri ta' ġestjoni tar-riskju, kif ukoll obbligi ta' liċenzjar, f'siti li jużaw pretkuni taċ-ċomb u tintroduċi obbligi għall-Istati Membri biex jillieenzjaw biss daww l-atleti li għandhom bżonn leġittimu li jużaw pretkuni taċ-ċomb (pereżempju biex jitħarrġu għal kompetizzjonijiet internazzjonali jew jipparteċipaw fihom). Barra minn hekk, din id-deroga tkun akkumpanjata minn rekwiżit ta' tikkettar għall-fornitur u obbligu ta' rappurtar għall-Istati Membri. Dan se jippermetti lill-Kummissjoni timmonitorja l-użu kontinwu tal-pretkuni taċ-ċomb fi Stati Membri differenti tal-UE u tiffaċilita l-infurzar tad-deroga.

Huwa importanti li wieħed jinnota li din id-deroga fakultattiva mhijiex effettiva fil-kontroll tar-riskji identifikati daqs projbizzjoni fuq l-użu iżda tista' titqies aktar proporzjonata fir-rigward tal-impatti soċjoekonomiċi tagħha fuq atleti li jikkompetu internazzjonalment, jekk ir-regoli ta' dawn il-kompetizzjonijiet ikomplu jirrikjedju l-użu ta' pretkuni taċ-ċomb.

Il-potenzjal ġenerali tat-tnaqqis tar-riskju u l-impatti soċjoekonomiċi tar-restrizzjoni proposta għal kull settur u użu individwali affettwat ġew ivvalutati u l-konklużjoni hija li r-restrizzjoni proposta hija effettiva f'termini ta' tnaqqis tar-riskju nett, u proporzjonata f'termini ta' spejjeż.

Ir-restrizzjoni proposta hija tabilħaqq stmata li tirriżulta fi tnaqqis kumulattiv tal-emissjonijiet ta' madwar 1.5 miljun tunnellata ta' ċomb matul il-perjodu ta' 20 snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha. Dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 78 % tal-emissjonijiet kwantifikati taċ-ċomb li kieku kien ikun hemm fin-nuqqas tar-restrizzjoni proposta.

Fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem, l-impatti l-aktar importanti u l-aktar kwantifikati b'mod robust huma relatati mal-protezzjoni tat-tfal ta' unitajiet domestiċi li ta' spiss jikkunsmaw laħam tal-kaċċa. Skont suppożizzjonijiet plawżibbli, huwa stmat li l-projbizzjoni ta' balal taċ-ċomb ta' kalibru kbir u pretkuni taċ-ċomb tista' tevita t-telf tal-IQ f'madwar 7 000 tifel u tifla fis-sena, li jikkorrispondu għal telf ta' madwar EUR 70 m. Saret stima inqas robusta għar-riskju mnaqqas ta' CKD f'madwar 1 150 individwu. Valur tentattiv ta' valwazzjoni ta' bejn EUR 7.5 m u EUR 75 m.

Barra minn hekk, l-alternattivi identifikati ġeneralment għandhom impronta ambjentali⁵ aħjar miċ-ċomb.

Il-kosteffettività tal-emissjonijiet evitati (fejn possibbli u sinifikattivi biex jiġu kkwantifikati) ġiet stmata li tvarja bejn EUR 0.5/kg u EUR 1 513/kg għal kull kg ta' rilaxx taċ-ċomb evitat skont is-settur affettwat. B'mod ġenerali, ir-restrizzjoni tidher li hija aktareffettiva mir-restrizzjonijiet preċedenti ta' REACH li kienu qed jindirizzaw tħassib simili dwar is-saħħa tal-bniedem, iżda inqas kosteffettivi mir-restrizzjoni fuq l-użu taċ-ċomb fl-artijiet mistagħdra, li kellhom stima ċentrali tal-kosteffettività ta' EUR 9.8/kg tal-emissjonijiet taċ-ċomb evitati.

L-ispejjeż tar-rekwiżit tat-tikkettar ma setgħux jiġu kkwantifikati iżda huma minuri meta mqabbla ma' spejjeż oħra stmati.

KIF TISSOTTOMETTI KUMMENT FIL-KONSULTAZZJONI TAR-RESTRIZZJONI PROPOSTA

Meta tkun lest biex tagħmel il-kummenti tiegħek, ikklikkja l-link xieraq fuq is-sit web tal-ECHA. Jekk jogħġbok kun af li mhuwiex possibbli li tissejvja s-sottomissjoni tiegħek u terġa' lura għaliha, għalhekk għandu diġà jkollok il-kummenti tiegħek ippreparati f'dokument mehmuż jew issejvjati f'xi format ieħor minn qabel. Il-formola tal-web fiha ħames partijiet ewlenin:

- Introduzzjoni: Li fiha xi informazzjoni ġenerali dwar ir-restrizzjoni u link għal din in-nota u l-gwida.
- Taqsima 1: Informazzjoni personali.
- Taqsima 2: Informazzjoni organizzazzjonali.
- Taqsima 3: Kummenti mhux kunfidenzjali dwar il-proposta - kemm kummenti ġenerali kif ukoll informazzjoni dwar talbiet għal informazzjoni speċifika (ara hawn taħt). It-tweġibiet tiegħek jistgħu jiddaħħlu direttament fil-formola jew permezz tat-taqsima 4 bħala dokument mehmuż. Madankollu, jekk jogħġbok tissottomettix l-istess kummenti permezz taż-żewġ mezzi. Kummenti ġenerali jistgħu jkunu dwar kwalunkwe aspett tar-rapport ta' restrizzjoni, inkluż dwar kwistjonijiet relatati mal-analiżi soċjoekonomika.
- Taqsima 4: Hawnhekk jistgħu jiżiedu dokumenti mehmuża mhux kunfidenzjali.

⁵ Meta jitqiesu dawn l-elementi li ġejjin: tossiċità u riskju għas-saħħa tal-bniedem, tossiċità u riskju għall-ambjent (kemm tossiċità akkwatika kif ukoll inġestjoni minn organiżmi selvaġġi), l-akkwist tal-materja prima (estrazzjoni vs riċiklaġġ), tnaqqis tar-riżorsi (ilma, enerġija, kimika) u emissjoni ta' gassijiet serra

TALBIET GĦAL INFORMAZZJONI SPEĊIFIKA

Minbarra l-kummenti dwar id-dossier ġenerali, il-partijiet interessati se jiġu mistiedna jissottomettu tweġibiet għal talbiet għal informazzjoni speċifika.

Is-suġġetti speċifiċi li dwarhom tintalab l-informazzjoni se jiġu ppubblikati fil-paġna tal-konsultazzjoni fuq is-sit web tal-ECHA fuq: <https://echa.europa.eu/restrictions-under-consideration>